MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 449/2013

**Mary Anne Bonanno bint Joseph u Catherine née Micallef, imwielda il-Pietá u residenti Ħaż-Żebbuġ bħala leġittima rappreżentanti ta' bintha Elena Gatt, bint l-imsemmija Mary Anne Bonanno u Carmel Gatt, imwielda fit-12 ta' Marzu 2003.**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi nomine ppreżentat minnha fl-10 ta' Mejju 2013 fejn ġie premess:

Illi l-attriċi Mary Anne Bonanno kkuntrattat iż-żwieġ tagħha ma' Carmel Gatt (K.I. 747762M) fil-knisja ta' Sant' Agata, ir-Rabat Malta, fid-dsatax ta' Mejju 2002.

Illi minn dan iż-żwieġ twieldet il-minorenni Elena ġewwa l-Pieta' fit-tnax (12) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta (2003). Dan it-twelid ġie debitament reġistrat u ngħata n-numru ta' skrizzjoni 1008/2003, kif jidher mill-Att tat-Twelid hawn anness u mmarkat bħala 'Dok MG1'. Il-minorenni Elena jidher illi ħadet kunjom missierha, u ċjoe' *'Gatt'*;

Illi sussegwentement, permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella datat 4 ta' Frar 2004, l-attriċi Mary Anne Bonanno ottjeniet il-firda personali minn ma' żewġha Carmel Gatt, b'dana illi *ai termini* tal-klawżola numru erbgħa (4) l-istess kuntratt, il-kura u kustodja legali tat-tifla minuri Elena ġiet affidata favur l-attriċi Mary Anne ġja' Gatt (Dok. MG2). *Inoltre, ai termini* tal-klawżola numru erbatax (14) tal-istess kuntratt, l-attriċi Mary Anne rrivertiet għal kunjom xbubitha, u ċjoe' *'Bonanno'*;

Illi kif ser jidher fil-kors tat-trattazzjoni ta' din il-kawża, tul ħajjitha kollha, il-bint minorenni Elena dejjem użat għaliha, u dejjem ġiet konsistentement imsejħa mill-familjari, l-iskola, mill-ħbieb u konoxxenzi tagħha bil-kunjom *'Gatt Bonanno'* u ċjoe' biż-żieda ta' kunjom xbubit ommha *('Bonanno')* wara kunjom missierha *('Gatt')*;

Illi *stante* illi din is-sitwazzjoni toħloqilha nkonvenjent, l-attriċi għandha interess illi l-Att tat-Twelid ta' bintha minorenni ikun jirrifletti l-isem sħiħ, u ċjoe' bil-kunjom kif miżjud b'kunjom xbubit ommha, kif hi konsistentement użat u wżaw għaliha l-familjari, l-iskola, l-ħbieb u l-konoxxenzi tagħha;

Illi l-attriċi taf personalment b'dawn il-fatti kollha.

Illi billi l-minorenni Elena dejjem użat għaliha, u dejjem ġiet konsistentement imsejħa mill-familjari, l-iskola, mill-ħbieb u konoxxenzi tagħha bl-isem Elena Gatt Bonanno, u billi din l-Onorabbli Qorti għandha s-setgħa li tordna lid-Direttur konvenut jagħmel annotazzjonijiet li tirrifletti dan, kellhom jiġu stitwiti dawn il-proċeduri.

Illi jgħid għalhekk, il-konvenut, ’il għaliex din l-Onorabbli Qorti m’għandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni meqjusa neċessarja u opportuna:

1. Tiddikjara illi l-minorenni Elena Gatt (K.I. nru. 100803L) kienet konsistenetement u għandha tibqa’ tkun magħrufa bl-isem Elena Gatt Bonanno;

2. Tordna lid-Direttur konvenut jagħmel anotazzjoni fil-marġini tal-Att tat-Twelid bin-numru ta’ skrizzjoni 1008/2003, b’dana hekk illi l-istess minorenni Elena tassumi kunjom xbubit ommha, u ċjoe’ *‘Bonanno’*, li għandu jiżdied wara l-kunjom *‘Gatt’*.

Bl-ispejjeż kontra d-Direttur konvenut, li jinsab minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata preżentata fit-12 ta’ Ġunju 2013 li permezz tagħha l-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku eċċepixxa:

Illi preliminarjament, qabel is-smigħ tal-kawża, b’ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern tal-anqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Illi mingħajr ħsara għas-suespost, l-attriċi għandha tispeċifika taħt liema artikolu tal-liġi hija qiegħda ssejjes l-azzjoni tagħha ħalli b’hekk l-esponenti jkun f’qagħda aħjar li jkun jista’ jwieġeb. Kwindi f’dawn iċ-ċirkostanzi l-esponenti bil-permess ta’ din l-Onorabbli Qorti umilment qiegħed jirriserva u jżomm sħiħ id-dritt tiegħu li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ, u dan wara li l-attriċi tindika taħt liema dispożizzjonijiet tal-liġi hi qiegħda torbot il-proċeduri istanti;

Illi in vena preliminari, mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponent jeċċepixxi li huwa indispensabbli għall-benefiċċju tal-integrita tal-ġudizzju, li jiġi kjamat fil-kawża missier il-minuri Elena Gatt, u ċjoe’ Carmel Gatt. Difatti l-istess Carmel Gatt hu mniżżel bħala missier Elena Gatt fl-att tat-twelid tal-imsemmija minuri bin-numru

progressiv 1008 tas-sena 2003 (hawn anness u mmarkat bħala Dok RP 1). *Stante* li bħala missier il-minuri, Carmel Gatt għandu s-setgħa ta' ġenitur fuq bintu hekk kif jipprovdi l-Artikolu 131 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn tali setgħa tiġi *"eżerċitata bi ftehim bejn iż-żewġ ġenituri"*. Għalhekk isegwi li Carmel Gatt għandu jiġi msejjaħ fil-kawża *stante* li l-eżitu tagħha jista' jaffetwa l-konnotati ċivili ta' bintu Elena Gatt, u dana sabiex ikun jista' jinstema' minn din l-Onorabbli Qorti, kif jitolbu l-prinċipji ta' ġustizzja naturali.

Illi mingħajr preġudizzju għall-premess l-esponent jirrileva, li f'każijiet fejn it-talba hija tax-xorta tal-każ odjern, u fejn il-minuri ġiet imwielda fir-rabta taż-żwieġ, għandha tiġi applikata l-proċedura tal-*"Formola T"* li tagħti l-opportunita' lill-ulied imwielda fiż-żwieg li jżidu kunjom xbubit ommhom, jew kunjom żewġha li jkun miet qabilha wara dak ta' missierhom liema kunjomijiet huma jkunu żiedu u wżaw fil-ħajja soċjali tagħhom, u dan *ai termini* ta' Artikolu 4(3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi f'każ ta' wlied imwielda fiż-żwieg li jkunu għadhom minuri, tali proċedura tista' tintalab li ssir mill-ġenituri nfushom, wara liema proċedura jsiru fl-att tat-twelid annotazzjonijiet fir-rigward tal-konnotati tal-imsemmija minuri. Din il-proċedura tista' faċilment tintalab mir-Reġistru Pubbliku, dment li jkun hemm il-kunsens taż-żewġ ġenituri tal-minuri Elena Gatt. Fil-każ li jkun jissussisti tali kunsens, l-esponent jistieden lill-attriċi sabiex hi u r-raġel tagħha Carmel Gatt jużaw il-Formola T, anki sabiex jiġu evitati spejjeż ulterjuri.

Illi subordinatament għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ in kwistjoni huwa jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet, u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

Illi bla preġudizzju għal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent, u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża stanti;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat l-atti tal-kawża;

Rat illi fl-udjenza tat-2 t'Ottubru 2013 il-kawża tħalliet għas-sentenza wara li l-attriċi kkonfermat bil-ġurament il-kontenut tar-rikors promoter preżentat minnha;

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed tagħmel din it-talba *ai termini* tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament.

Illi l-konvenut eċċepixxa li kellu jissejjaħ fil-kawża l-missier tal-minuri; madankollu mill-atti tal-kawża rriżulta li l-attriċi għandha l-kura u kustodja tal-minuri, u allura għandha s-setgħa li tipproċedi f'dawn il-proċeduri.

Illi l-Qorti hija konvinta li t-talba attriċi hija ġustifikata mill-provi prodotti minnha. Naturalment il-konvenut ma jaħti għall-ebda żball u kwindi m'għandux ibati spejjeż.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talbiet attriċi, b'dan pero' li l-istess attriċi tħallas l-ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------